**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 17 ta' Marzu 2021**

**<u>Rikors nru: 385/2020 AGV ;</u>**

**AB**

**Vs**

**CD**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta'AB, datat 5 ta' Novembru 2020, fejn esponiet bir-rispett u ikkonfermat;**

1. **Illi** l-partijiet zzewwgu fid- 29 ta' Ottubru 1988 u dan skon cetifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat Dok. A;

2. Illi l-partijiet ilhom seperati sa minn Ottubru 2016 kif hemm dikjarat fil-klawsola numru 22 tal-kuntratt ta' seperazzjoni hawn anness bhala Dok B fl-atti tan-nutar Dr Josef Christian Masini Vento.
3. Illi ma hemm ebda prospett ghal rikonciljazzjoni bejn l-istess mizzewwgin;
4. Illi ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovuti.
5. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-ligjiet ta' Malta.

Ghaldaqstant , ir-rikorrenti umilment jitlob bir-rispett lil din Onorabbli Qorti,

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg iccelebrat fid 29 ta' Ottubru 1988.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien imhohli ghal daqshekk javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-Erbgha 17 ta' Marzu 2021, Dr Maxilene Pace, ipprezentat affidavit tal-intimat li qed jaghti ruhu b' notifikat bl-atti u qed jiddikjara li ma ghandux oggezzjoni ghal ghoti tad-divorju, u ghalhekk il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

| | |
| --- | --- |
| **Onor. Anthony G. Vella** | **Cettina Gauci** |
| **Imhallef** | **Dep Reg** |